Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 1220/2006

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**CAROL PERALTA LL.D.**

Illum 6 ta' Lulju, 2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**

**VS**

**IBRAHIM HAFES EL DEGWY**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ibrahim Hafes El Degwy detentur tal-karta tal-identita` numru 17291A.

**Akkuzat talli:**

1. Fis-27 t'April 2005 ghall-habta ta` bejn id-disgha u kwart u l-ghaxra u nofs ta` filghodu, fl-Imtarfa, ikkommetta serq ta` gojjelli u flus kontanti minn residenza fi Triq San David, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok ghad-dannu ta` Carmel Cutajar u / jew persuni ohra;

2. U talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi xjentament ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjed misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun tindahal biex tbieghhom jew tmexxihom, liema hwejjeg u cioe` ammont konsiderevoli ta` gojjellerija u flus kontanti;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew / u gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli u immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira imma hija aktar minn hamsin lira (Lm500).

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 261 (b) (c) (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280, 281, 334, 325, 23, 31, 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi din il-kawza ilha differita ghas-sentenza sa milt-18 ta` Frar 2011. Is-sentenza baqghet ma inghatatx.

Illi din il-kawza tikkoncerna serqa li saret minn prorjeta` privata li sehhet fis-27 t'April 2005. Saret bi sgass ta` louver li jghatu ghat-twieqi tal-hgieg u fiha ittiehdu kwantita` konsiderevoli ta` gojjellerija u flus kontanti. Dan jirrizulta mix-xhieda tad-derubat u l-familja tieghu li taw ix-xhieda taghhom f'dawn il-proceduri. Ghalhekk l-aggravvji ta` mezz, lok u valur jirrizultaw.

L-unika prova illi ghandha l-Prosekuzzjoni sabiex hija pprocessat lill-imputat ghal dan ir-reat hija impronta digitali li nstabet fuq wahda mil-louvers li nqalet mit-tieqa tal-post misruq sabiex ikun jista` jidholfil-post dak li kien reaponsabblighal din is-serqa wara li jkisser il-hgieg ta` din it-tieqa. Din l-impronta digitali kienet giet elevata minn Jeffrey Hughes mill-awtoritajiet investigattivi fuq Ordni tal-Qorti Inkwirenti li nnominat lil Joseph Mallia bhala espert sabiex jaghamel ezami ta` komparazzjoni wara li gie ordnat mill-Qorti sabiex jippreleva kampjuni tal-impronti digitali tal-imputat u jikkomparhom ma dawk li gew elevati mis-'scene of the crime'.

Illi Joseph Mallia ghamel dak li kien lilu ordnat u pprezenta r-rapport tieghu lill-Magistrat Inkwirenti. Huwa xehed quddiem din il-Qorti fis-7 ta` Marzu 2007, fejn bil-gurament tieghu, ikkonferma r-rapport tieghu u illi qeda, onestament u fedelment, l-inkarigu lilu mghoti. Huwa xehed hekk:

"Mela l-konkluzzjonijiet tieghi kienu li kien hemm lifter, DOK 05 DJL 301, lifter elevat minn fuq il-louver tat-tieqa allegatament sgassata li kienet mal-art u mbghad hawn ktibt "Marfa 24/04/05". Fih hemm imprinti digitali li lili rrizultali li kienet taqbel mas-seba` tan-nofs tal-id ix-xellugija tas-Sur El Degwy.

Bhala punti karatteristici li ahna nuzaw ghan-norma tal-Qorti, immarkajt 14 pero hemm iktar minn 14 immarkati bl-ahmar pero mhux migbudin f'linji.

Ili dana l-fatt wahdu jikkonferma l-prezenza tal-imputat odjern fuq il-post tad-delitt u dan oltre kull dubju ragonevoli. Mhux biss jikkonferma l-prezenza tieghu gewwa l-Marfa xi hin qabel ma gie kommess dan ir-reat imma jikkonferma, bl-ezatezza fejn kien l-imputat gewwa l-Marfa qabel ma sehh ir-reat u cioe` precizament id-dar tad-derubat Carmel Cutajar u dan ghas-sussegwenti motivi:

1. Illi l-impronti digitali tieghu nstabu precizament fuq il-louver illi giet imnehhija u pogguta mal-art sabiex isir l-isgass u s-serq sussegwenti u;
2. Illi ma gewx ipprezentati imprinti digitali ohra li gew elevati minn xi post iehor gewwa l-Marfa.

Illi d-difiza ppruvat tinsinwa li l-imputat kien midhla tal-Marfa u f'diversi drabi kien jivvizita kwantita` ta` nies f'din il-lokalita`. In sostanza ta` dan hija tellghet diversi xhieda sabiex jghidu illi ltaqghu mal-imputat jew li jakkompanjaw lill-imputat gewwa l-Marfa. Dan skond id-difiza, jispjega l-impronti digitali li gew elevati li, skond l-istess difiza, gew merhija fuq il-post f'xi okkazzjoni precedenti.

Illi Carmel Cutajar jixhed illi lill-imputat huwa kellmu darba meta dan tal-ahhar kien qed ifittex bicca art ghax-xiri. Kien gabu wiehed bil-laqam ta` "Il-Fjakk" li llum ukoll qieghed il-habs. Huma tkellmu fil-parapett tad-dar tieghu u qatt ma dahlu gewwa. Dan kien xi zmien qabel ma nsteraq u damu jitkellmu ghal xi zewg minuti biss. Lanqas biss jaf ghaliex "Il-Fjakk" gabu d-dar tieghu ghaliex huwa ma kellux artijiet ghall-bejgh. Id-difiza wkoll ippruvat tinsinwa illi s-sid tal-hanut li gieli kien jiffrekwenta l-imputat kien iwassal lil wahda mara li kienet tnaddaflu u li kienet toqghod fl-appartament ta` fuq id-derubat, diversi drabi u li dan l-imputat kien jakkumpanjaha diversi drabi u anke

jidhlu d-dar ta` din il-mara. Dan ix-xhieda cahduh katerigorikament. Il-mara sahansitra tghid illi lill-imputat ma tafux.

Ill-difiza ppruvat targumenta li meta kien il-Marfa, xi wahda minn dawk id-drabi li huwa qal li kien hemm, seta` f'xi mod, li miss mal-louver u b'hekk halla l-imprinta digitali fuqha. Waqt li minhabba x-xhieda fuq citata, din il-Qorti ssib din l-insinwazzjoni mhux kredibbli, wiehed ghandu jiftakar ukoll illi waqt l-istqarrija tieghu li huwa ghamel lill-awtoritajiet investigattivi fejn ghazel, ftit li xejn, illi ma jirrispondix ghall-mistoqsijiet illi kienu qed isirulu. Huwa kien innega, kategorikament illi qatt kien resaq lejn l-Marfa.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tikkundannah ghall-perjodu ta` sentejn (2) prigunerija. Tilliberah mit-tieni akkuza li ma tirrizultax.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights and Democ.), LL.D.
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------